MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0069/09
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta’ Proċedura
minn Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Lutz Goepel, Evelyne Gebhardt, Peter Liese, Elisabeth Jeggle, Albert Deß, Alyn Smith, Claude Turmes, Rebecca Harms, Bart Staes, Satu Hassi, Eva Lichtenberger, Daniel Cohn-Bendit, Sepp Kusstatscher, David Hammerstein, Gérard Onesta, Monica Frassoni, Marie-Hélène Aubert, Frithjof Schmidt, Agnes Schierhuber, Janusz Wojciechowski, Katerina Batzeli, Chris Davies, Milan Horáček, Joseph Daul, Luis Manuel Capoulas Santos, Hannes Swoboda, Kathalijne Maria Buitenweg, Elisabeth Schroedter, Caroline Lucas, Michl Ebner, Kartika Tamara Liotard, Erik Meijer, Ulrich Stockmann, Ralf Walter, Jo Leinen, Maria Berger, Christa Prets, Wolfgang Bulfon, Ulrike Rodust, Lily Jacobs, Jill Evans, Helga Trüpel, Gisela Kallenbach, Matthias Groote u Niels Busk
lill-Kummissjoni

Suġġett: Il-prattika tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fir-rigward tal-għoti ta' privattivi għal proċessi essenzjalment bijoloġiċi għall-produzzjoni ta' pjanti u annimali

Fl-2002 l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO) ta privattiva (numru EP 1069819) lill-kumpanija tar-Renju Unit Plant Bioscience Ltd għal metodu li jżid kompożizzjoni speċifika fl-ispeċi Brassica tal-brokkoli permezz ta' metodi ta' kultivazzjoni konvenzjonali (megħjuna bl-indikaturi). Il-privattiva tinkludi l-metodi ta' produzzjoni, kif ukoll iż-żerriegħa tal-brokkoli u l-pjanti tal-brokkoli tajbin għall-ikel magħmula permezz ta' dawn il-metodi ta' produzzjoni. Sar rikors kontra din il-privattiva u issa l-każ huwa pendenti quddiem Il-Bord Superjuri ta' Rikors tal-EPO.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/44/KE[1] dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi jgħid li l-proċessi essenzjalment bijoloġiċi għall-produzzjoni ta' pjanti u annimali m'għandhomx jedd għall-privattiva.

Din il-privattiva, jekk toħloq preċedent, issaħħaħ aktar il-monopolizzazzjoni tas-suq taż-żerriegħa billi twitti t-triq biex il-kumpaniji li jikkoltivaw il-pjanti jiċċaħħdu mill-aċċess liberu għaż-żerriegħa kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 2100/94[2] dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità.

X'inhi l-fehma tal-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-Trattati, dwar l-għoti ta' din il-privattiva?

Il-Kummissjoni x'mezzi għandha biex tinfluwenza din il-kwistjoni?

Il-Kummissjoni x'miżuri se tieħu?

Il-Kummissjoni infurmata dwar l-istadju li laħqet id-diskussjoni fil-Bord Superjuri ta' Rikors u l-Kummissjoni x'taħseb dwar din is-sitwazzjoni?

Il-Kummissjoni rċeviet mistoqsija bil-miktub dwar l-istess kwistjoni f'April 2008 (E-2147/08) u wieġbet il-mistoqsija f'Settembru 2008. Billi minn naħa waħda, it-tweġiba għal din il-mistoqsija ma ssodisfatx lill-Membri tal-PE u, min-naħa l-oħra jidher li jkun xieraq li ssir diskussjoni dwar l-iżviluppi l-aktar riċenti fil-proċedura konċernata, din il-mistoqsija għandha tkun diskussa fil-plenarja.

Imressqa: 02.04.2009
Mibgħuta: 06.04.2009
Skadenza: 13.04.2009

1 ĠU L 213, 30.7.1998, p. 13.
2 ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.